MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 812/2012

**Raymond Zammit**

**Vs**

**Chantelle Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta’ Dicembru, 2012 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta tigi kkundannat thallas lill-attur is-somma ta’ elfejn tlett mija u sittin ewro (€2,360) liema ammont huwa in rapprezentanza ta’ tibdil tal-pannelli fotovoltajci li garrbu hsarat meta taret *membrane* minn fuq il-bejt tal-konvenuta ghall-bejt tal-attur liema hara saret fil-maltempata bejn id-9 u l-10 ta’ Marzu, 2012 u wara li l-pannelli kienu ghadhom godda fjamanti mwahhla fi Frar, u dan minhabba traskuragni tal-konvenuta kif ser jigi pruvat aktar il quddiem u skond *quotation* ghal xiri ta’ pannelli godda.

Il-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.

Illi b'risposta pprezentata fl-14 ta' Jannar, 2013 il-konvenuta eccepiet illi fl-ewwel lok l-attur huwa mghobbi bl-oneru li jipprova n-ness bejn il-kondotta kolpuza, attiva jew ommissiva, da parti tal-eccipjenti u l-event dannuz allegat. Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti mhix esponsabbli a tenur tal-Artiklu 1029 tal-Kodici Civili, u fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat huwa eccessiv. Assolutament bla ebda pregudizzju fil-kaz ta' sejbien ta' htija l-attur huwa obbligat jghaddi lill-eccipjenti l-pannelli fotovolajci li huwa jasserixxi li garrbu hsara.

L-attur Raymond Zammit xehed permezz ta' affidavit ipprezentat fil-25 ta' Marzu, 2013 fejn qal illi fl-10 ta' Marzu, 2012 fit-8.30 ta' filghodu kien tela fuq il-bejt u ra xi haga sewda kbira imdendla fuq il-panelli. Ittawwal ghal fuq il-bejt tal-garr u ra bicca *membrane* ohra fuq il-bejt tieghu. Hdejn il-pannelli ma telax dan il-hin peress illi kien ghadu rih qawwi. Izjed tard meta tela' hdejn il-pannelli ra erba' pannelli migrufin. Hawnhekk cempel lil Pawlu Falzon u qallu b'li gara u dak wiegbu li kellu jmur jara x'gara. Hawnhekk l-attur mar jaghmel rapport l-ghassa tal-pulizija li marru fuq il-post u raw il-pannelli migrufin. Cempel ukoll l-agent li xtara minghandu u ghamillu stima tal-ammont mitlub fl-avviz. Hawnhekk kellem lil Chantelle Falzon peress illi l-hsara fil-pannelli grat bil-*membrane* li nqala mill-bejt tat-tromba tal-fond tal-konvenuta li jgib l-indirizz 29 Triq il-Menqa, Safi.

In kontro ezami l-attur jghid illi jikkonferma li kienet maltempata kbira u li fuq il-bejt tela l-ghada tal-matemp. Mistoqsi jekk rax il-hsara tigri jghid illi ma rahiex pero l-hsara fuq il-pannelli ra u jikkonferma illi l-hsara grat mill-*membrane* peress illi l-*aluminium* tal-genb migruf bil-qatran iswed tal-*membrane* kif ukoll sab il-*membrane* imdendel mal-pannelli. Jghid illi ma sab xejn aktar fuq il-bejt illi setgha ghamel din it-tip ta' hsara. Ma setax kien ghatu ta' xi tank tal-ilma ghaliex hadd ma kien naqaslu ghotjien wara li staqsejt lil girien. Mistoqsi dwar is-sussidju x-xhud jikkonferma li kien hemm sussidju fuq dawn il-pannelli pero *insurance* ma hemmx la fuq il-pannelli u lanqas fuq id-dar.

Mistoqsi dwar jekk dak inhar ghamilx silg, ix-xhud jghid illi silg ma ghamilx pero l-hsara li hemm fuq il-pannelli ma setghetx tigri minn silg ghaliex kieku kienu jkollhom hsara l-ghaxar pannelli mhux erbgha minnhom biss. Jghid ukoll illi din il-hsara ma tistax tissewwa imma iridu jinbidlu. Il-pannelli ma spiccax l-uzu taghhom izda naqas l-uzu taghhom minhabba l-grif.

Xehed Robert Aquilina permezz ta' affidavitipprezentat fid-29 ta' April, 2013 fejn qal illi huwa tela fuq il-bejt tieghu biex jirranga l-*aerial* u sab bicciet ta' *membrane* fuq il-bejt tieghu meta hares fuq il-bejt tal-attur huwa ra bicciet kbar ta' *membrane* . Fuq in-naha l-ohra tal-attur hemm il-fond tal-konvenuta u din kellha l-bejt taghha li nqalghalu l-*membrane* u filfatt ippezenta ritratt tal-bejt tal-konvenut kif inhu minghajr *membrane*.

Xehed ukoll Charlon Psaila permezz ta' affidavit ipprezentat ukoll fid-29 ta' April, 2013. Jghid illi kien cempillu Raymond Zammit biex jistaqsih jekk gratlux hsara fuq il-bejt tieghu u meta tela fuq il-bejt tieghu stess ix-xhud sab bicciet tal-membrane fuq il-bejt tieghu wkoll li kissirlu balavostra. Jghid illi kellu ammont mhux hazing ta' *membrane* fl-art. Dan il-*membrane* gabru u tefghu ghar-rimi. Meta jumejn wara kien fuq il-bejt tal-attur dan ix-xhud ra kemm il-hsara li grat lil Raymond Zammit kif ukoll ra illi l-*membrane* kien inqala mill-bejt tal-*washroom* ta' Chantelle Falzon.

Xehdet il-konvenuta Chantelle Falzon permezz ta' affidavit ipprezentat fit-23 ta' Mejju, 2013 fejn qalet illi l-*membrane* fuq il-bejt taghha twahhal skond l-arti u s-sengha u ma kellhiex problem bih fil-passat. Tghid illi l-attur naqas milli jgib prova konkreta tal-hsara li qed jilmenta minnha hlief stima biex isiru pannelli godda u mhux stima tal-hsarat. Tghid ukoll illi l-konvenut naqas illi jgib prova li l-hsara saret mill-*membrane* tal-bejt taghha. Il-konvenuta tghid illi dak inhar tal-incident kien hemm maltemp kbir u l-attur naqas milli jipprova n-ness bejn il-grif u l-pannelli.

Ix-xhud tkompli billi tghid illi hi ma kellha ebda kontroll fuq dak li gara minhabba li dak li gara kien minhabba l-maltemp. Qalet ukoll illi dawn il-pannelli huma sussijati mill-Gvern.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati huwa tal-fehma li ngiebet il-prova permezz ta' ritratti illi l-pannelli ghandhom il-hsara. Meta l-attur xehed illi ra l-*membrane* imdendel mal-pannelli tieghu  u l-pannelli ghandhom grif iswed tal-qatran tal-istess *membrane*, dan huwa ness bizzejjed li qed jorbot il-grif tal-pannelli mal-membrane imdendel maghhom. Li nstab il-*membrane* imdendel mal-pannelli gie ikkonfermat mix-xhud Robert Aquilina.  Wara wiehed irid jghaddi biex jistabilixxi ness bejn il-*membrane* u l-konvenuta. Ingieb ritratt illi juri li l-bejt tal-*washroom* tal-konvenuta inqalalu l-*membrane* tieghu. Mela l-attur gab kwalunkwe prova li setgha jgib sabiex johloq il-ness bejn il-konvenuta u l-hsarat illi garrab. Min-naha l-konvenuta qatt ma cahdet illi kellha *membrane* jew qalet illi l-*membrane* inqala qabel dik id-data, izda tkellemet biss teknikament dwar in-ness tal-provi u qalet ukoll illi l-*membrane* taghha kien twahhal skond l-arti u s-sengha pero ma qaltilniex jekk dan kienx il-mestier taghha u allura kienet tifhem kif jitwahhal il-*membrane*. Wiehed ghalhekk jasal ghar-ragunament illi l-*membrane* kieku twahhal skond l-arti u s-sengha jew kieku saritlu l-manutezjoni mehtiega ma kienx jinqala kif ma nqalax il-*membrane* ta' hafna u hafna bjut ohra minkejja li kien rih qawwi.

Il-fatt illi kien il-*membrane* tal-konvenuta li nqala u baqa mdendel mal-pannelli tal-attur huma provi bizzejjed sabiex it-Tribunal izomm lil konvenuta responsabbli ghad-danni li garrab l-attur fuq pannelli li kienu ilhom biss xahar li twahhlu u li kellu d-dritt li jibqa jgawdihom fi stat tajjeb kif wahhalhom.

Ghalhekk it-Tribunal jilqa' it-talba tal-attur u jikkondanna l-konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn tlett mija u sittin ewro lill-attur sabiex jinbidlu l-pannelli pero tilqa l-eccezzjoni tal-konvenuta fejn tghid illi l-pannelli esistenti u li ser jinbidlu ghandhom jinghataw lil konvenuta stess stante illi l-attur ser jixtri l-godda. L-attur ghandu fi zmien ta' mhux aktar minn xahar wara li-pagament jghaddi l-pannelli fl-istat li huma skond ir-ritratti pprezentati fil-kawza u minghajr danni ikbar lil konvenuta.

Bl-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------